# KUNSILL LOKALI KALKARA

1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA
WEBSITE: www.kalkaralocalcouncil.com TEL: 21665500
EMAIL: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566


**Seduta Nru:** 03-10

**Data:** 15 ta' Marzu 2010

**Hin:** 17.30p.m

**Post:** Ufficcju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Michael Cohen - Sindku
Norbert Grech - Vici Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Skuzata - Speranza Chircop - Kunsilliera
Roderick Mizzi - Kunsillier

Din is-seduta giet imsejjha b'urgenza b'din l-Agenda:

1. Tender Resurfacing of Roads with Hot Asphalt.
2. Gemellagg

**Tender:**

Il-Kunsill ircieva erbgha Offerti ghall-resurfacing of roads bil-hot asphalt minnghand Polidano Bros Ltd, Asfaltar Ltd, Schembri Infrastructures Ltd, Alfred Schembri & Sons Ltd. L-orhos offerta kienet tal-kumpannija Asfaltar Ltd. Il-Kunsill iddiskuta liema toroq ghandhom isiru, il-parking bays tan-naha tal-bus stop f'Misrah Arcisqof Gonzi, mit-traffic lights saz-zebra cross u miz-zebra cross sal-bidu tat-telgha. L-ispiza tax-xoghol tar-resurfacing ghandha tigi stmata li ma taqbizx it-30,000 ewro.

Gie diskuss ukoll li peress li xoghol tar-resurfacing irid isir fl-ewwel gimgha t' April ghandu jigi kkuntattjat il-kuntrattur bl-orhos offerta bil-kundizzjoni li jlesti ix-xoghol qabel id-data msemmija. Jekk dan ma jkunx lest ilahhaq mad-data stabbilita jintghazel il-kuntrattur li gie it-tieni l-orhos.

Il-Kunsill qabel b'vot unanimu li tinghata l-offerta l-aktar vantaggjuza cioe dik mitfughha mill-kumpannija Asfaltar Ltd. Ghandha tintalab garanzija ta' 3,000 ewro.

**Gemellagg**

Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar ittra li rcieva minnghand it-Taljani gemellati maghna, fejn intqal li dawn qieghdin jipproponu li jigu tlieta minn nies nhar il-31 ta' Marzu sat-3 t'April, sabiex jiddiskutu l-iskambju taz-zghazagh ghat-tghalim tal-Ingliz dan is-sajf. Gie deciz li dawn jigu alloggjati fil-Kastell Guest House b'rati ragonevoli hafna.

Il-Kunsilliera Maria Sultana qalet li hi se taghmel appuntament mal-kap tal-iskola sabiex dawn jiltaqghu flimkien il-Hamis 1 t' April 2010.

M Cohen
Sindku

S Galea Iriele
Seg Ezekuttiv